# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2000**

**Numru 39**

**Citaz. numru 347/91DS**

Joseph Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mamco Limited
vs
William Brigulio

Illum, 14 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' April 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

illi s-socjeta' attrici tiggestixxi l-hanut li jgib l-isem Spinella Coffee Shop fi Triq ir-Repubblika, Valletta, li minnu jigu mibjugha, inter alia, oggetti ta' l-ikel li jkun fihom l-irkotta.

illi bejn Settembru 1987 u Novembru 1990, inklussivament is-socjeta attrici xtrat minghand il-konvenut sebat elef u seba' mija u wiehed (7701) qaleb li suppost fihom kien hemm erbgha u tletin elf sitt mija u erbghin punt hamsa u wiehed (34640.51) kilo rikotta u dan sabiex tuzohom fl-imsemmija oggetti ta' l-ikel.

illi l-prezz li s-socjeta' attrici hallset lill-konvenut ghall-imsemmija irkotta kien ta' tnejn u sittin centezmu (62c) il-kilo u cioe' komplessivament wiehed u ghoxrin elf erba' mija u sebgha u sebghin lira, hdax il-centezmu u sitt millezmi (Lm21,477.11,6).

illi dan l-ahhar l-attur nomine skopra illi l-piz ta' l-irkotta lilu ikkonsenjata fl-imsemmi perijodu mill-konvenut kien konsiderevolment anqas mill-imsemmija erbgha u tletin elf sitt mija u erbghin punt hamsa wiehed (34640.51) kilo u per konsegwenza jsegwi illi s-socjeta' attrici hallset lill-konvenut somma flus konsiderevoli aktar milli kien dovut; dan kollu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

illi l-konvenut interpellat mis-socjeta' attrici sabiex jirrestitwilha l-flus zejda lilu mhallsa kif fuq inghad, baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont ta' rikotta mibjugha u kkonsenjata mill-konvenut lis-socjeta' attrici fil-perijodu bejn Settembru 1987 u Novembru 1990 inklussivament kien anqas minn erbgha u tletin elf sitt mija u erbghin punt hamsa wiehed (34,640.51) kilo u illi per konsegwenza s-socjeta' attrici hallset lill-konvenut somma flus aktar milli kien lilu dovut ghall-irkotta li hija xtrat minghandu u giet lilha ikkonsenjata minnu fl-imsemmi perijodu.

2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici l-ammont ta' flus li halsitu kif fuq inghad ghall-irkotta li fil-fatt ma gietx lilha kkonsenjata fl-imsemmi perjodu bejn Settembru 1987 u Novembru 1990 inklussivament.

3. tistabilixxi u tillikwida l-ammont ta' flus illi l-konvenut ghandu jirrifondi u jhallas lis-socjeta' attrici a tenur tat-talbiet precedenti, okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi; u

4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' flus hekk stabbilita u likwidata.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1991, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni hija nulla u bla effett, stante li ma tirrigwarda ruhha fl-ebda azzjoni koncepita mill-ligi taht it-titolu ta' bejgh;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili;

2. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut f'kull bejgh qeda l-funzjonijiet kollha lilu rikjesti mill-Ligi;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ma kull bejgh u kull konsenja l-attur setgha u kellu jikkonstata l-prodott tal-istess prodott ikkonsenjat mill-konvenut lill-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-13 ta' Gunju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Gianninu Caruana Demajo bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-27 ta' Frar 1995 li permezz tieghu, stante li l-imsemmi perit legali gie elevat ghall-Gudikatura, gie sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Peter Fenech;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fid-29 ta' Marzu 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>:

Permezz ta' din l-ewwel eccezzjoni l-konvenut isostni n-nullita` ta' l-azzjoni peress li taht it-titolu ta' bejgh ma tezistix azzjoni simili. Il-perit legali ma qabilx ma din l-eccezzjoni u ccita l-artikoli 1021 sa 1023 tal-Kodici Civili. Infatti permezz ta' l-azzjoni tieghu l-attur nomine qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat irodd lura somma flus li fil-fehma tieghu l-konvenut ircieva indebitament. L-artikoli relattivi ma jhallu l-ebda dubju li l-azzjoni odjerna hi bazata fuq dawn l-artikoli u mhijiex

intenzjonata bhala wahda mill-azzjonijiet permessi taht it-titolu ta' bejgh. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni:

Il-konvenut qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni biennali skond l-artikolu 1407 tal-Kodici Civili. Din tirrigwarda l-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga' lura mill-kuntratt. Kif diga` gie accennat fil-paragrafu precedenti, din la hi azzjoni *redhibitoria* u lanqas azzjoni *aestimatoria*. Ghalhekk l-artikolu 1407 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghall-kaz odjern u din l-eccezzjoni hi wkoll michuda.

Dwar il-mertu:

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien agent esklussiv tal-Malta Dairy Products ghall-inhawi tal-belt Valletta. L-attur nomine kien ghalhekk jixtri l-prodotti tal-Malta Dairy Products minghandu.

**L-attur nomine** xehed li kull filghodu mit-Tnejn sas-Sibt kien imur il-konvenut bit-truck tieghu meta hu jkun ghadu ma dahalx, in-nies tal-kcina jghidulu kemm-il qaleb rikotta ikollhom bzonn u l-konvenut jikkonsenjahom. Ghalkemm il-qaleb huwa dejjem l-istess forma, il-piz ta' kull qaleb ivarja. Qatt ma kien isir kontroll tal-piz u l-konvenut kien jithallas skond il-piz indikat fuq il-kont li kien johrog kuljum il-konvenut u li kien jithallas aktar tard fl-istess gurnata meta jerga' jghaddi.

L-attur nomine stqarr li kien ilu jixtri minghand il-konvenut mill-1982 izda fl-1987 kabbar in-negozju u l-kwantitajiet ta' rikotta zdiedu. Darba f'Novembru 1990 gieh suspett fuq kejl bil-ghajn u ghalhekk ivverifika l-kejl ta' qaleb u sab li kien hemm kilo nieqes mill-ammont li kien mitlub ihallas ghalih. Dak il-hin stess mar jikkonfronta lill-konvenut izda sab lit-tifel tieghu. Talbu kejl specifiku ta' rikotta, cioe` kejl ugwali ghal dak li kien hallas ghalih u kien sabu nieqes. Bin il-konvenut ha qaleb u beda jitfa' rikotta fih. Izda gara li l-qaleb ma kienx jesa' l-kejl li l-attur nomine talbu u dan ghalkemm kull qaleb hu ta' l-istess daqs. Bin il-konvenut qallu li l-qaleb ma jesax daqs kemm talbu l-attur nomine li, meta kkonfrontah bl-ircevuta u talab spjegazzjoni, bin il-konvenut ma tahx spjegazzjoni. Wara mar jaghmel rapport lill-Malta Dairy Products fejn qalulu li l-kejl medju ta' kull qaleb huwa ta' bejn 3.5 u 3.7 kilo u jithalla daqs pulzier jew tnejn vojt. Konsegwentement l-attur nomine ezamina l-ircevuti li kellu u nnota li diversi drabi kien hallas ghal piz aktar minn dak

medju. Huwa kkalkola li kien hallas ghal madwar 6916.91 kilo zejjed bejn l-1987 u l-1990.

L-attur nomine qal li wara li nduna bid-diskrepanza fil-kejl, l-impjegati tieghu bdew jiznu l-qwieleb u hu stess jaghmel spot checks. Kien hemm okkazjonijiet fejn sab diskrepanzi u l-konvenut jew is-successur tieghu jirrifondu d-differenza. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 1993 qal li dan jigri xi darba fil-gimgha. Qal ukoll li bejn Novembru 1990 u meta spicca l-konvenut baqghu jsibu diskrepanzi kemm fil-piz kif ukoll fl-addizzjoni tal-kont.

**Oscar Attard**, sales manager mal-Malta Dairy Products Ltd, xehed li l-irkotta tvarja fid-densita` u ghalhekk fil-piz skond kif tinhadem. Il-piz medju ta' qaleb, eskluz il-piz tal-qaleb stess, huwa ta' 3.5 kilo filwaqt li l-piz gross ivarja minn 2.8 kilo ghal 4.2 kilo.

**Nazzareno Agius** u **Carmelo Sultana**, li kienu jahdmu ma' l-istess kumpanija, ikkonfermaw li jkun hemm varjazzjoni fil-piz tal-qaleb (ghalkemm isemmu pizijiet minimi u massimi differenti).

**John Brigulio**, iben il-konvenut, xehed li hu u missieru kienu jmorru l-fabbrika tal-MMU ghall-irkotta filghodu. Din kienet tinhareg mill-Cold Store, tintizen, u l-pizatur ighifilhom kemm fiha. Kienu jinghataw kartuna zghira bajda li fuqha l-pizatur kien jikteb il-piz ta' l-irkotta u din ipogguha fil-qaleb ta' l-irkotta. L-irkotta titghabba fit-trakk u jibdew iqassmu. L-ewwel hanut kien ikun ta' l-attur nomine  u jikkonsenjaw kemm jitolbuhom il-haddiema. Kienu jhalluhom barra fuq il-lift li hemm fil-bankina. Hadd ma kien jizinhom. Wara kienu jghaddu ghall-pagament. Il-qaleb kien ikollu l-kartuna bil-piz. Qal ukoll li l-qaleb iz-zghir ta' 3.6 u 3.7 kilo kienu jtuhom lil tal-grocers u l-kbar lil min jahdem il-pastizzi. :ill-attur nomine kienu jtuh l-qwieleb il-kbar tal-4 kilo 'l fuq. Meta jmorru biex jithallsu, kienu jtuh karta bil-pizijiet tal-irkotta, numru tal-crates  tal-halib u l-prezzijiet taghhom u jithallsu fuq dawk il-karti. Qatt ma kien hemm problema fuq pagament.

**Il-konvenut** ikkonferma li hu u t-tifel kienu jmorru ghall-irkotta minghand l-MDP u li kien jinkiteb il-piz tal-qaleb fuq kartuna zghira li titqieghed go l-irkotta. Din wara titghabba fuq it-trakk u jibdew il-konsenji proprju mill-hanut ta' l-attur nomine. Hemm kien johrog xi hadd mill-impjegati, jordnaw ix-xoghol li kellhom bzonn, u jhalluh fuq l-isprall fejn hemm il-lift biex l-impjegati jnizzluh. Hadd ma kien jiffirmalhom ghax-xoghol. Il-kartun jigi kkonsenjat fil-qaleb fejn ikun poggihom il-

pizatur. Il-piz ta’ l-irkotta kienet tvarja bejn 3.3 u 4.7 kilo. Qwieleb zghar ma kienx jahdimhom hlief meta ma kienx hemm b’piz kbir.

Fic-citazzjoni tieghu l-attur nomine jghid li huwa skopra li l-piz ta’ l-irkotta li giet konsenjata lilu bejn Settembru 1987 u Novembru 1990 kien konsiderevolment inqas minn dak li hallas ghalih. Huwa fil-fatt sostna li komplessivament inghata madwar 6916.91 kilo anqas.

Il-perit legali jikkummenta li l-fatt li f’Novembru 1990 u f’diversi okkazjonijiet sussegwenti skopra diskrepanzi fil-piz jew fil-kuntegg, ma jsostnix l-argument tieghu li fil-passat il-merkanzija kellha piz anqas minn dak attwalment imhalles ghalih. Il-kuntegg li ghamel l-attur nomine fuq il-kontijiet li huwa hallas matul il-perijodu in kwistjoni mhuwiex sostnut minn xejn fattwali. Il-kontijiet li pprezenta l-attur nomine jindikaw biss l-ammonti ta’ merkanzija u l-prezzijiet imhallsa u ma jitnisslux minnhom l-inezattezzi lmentati mill-attur nomine.

Ma’ dak li qal il-perit legali, u li l-Qorti tikkondividi, izzid tghid li mill-provi mressqa jidher li qabel Novembru 1990 l-attur nomine, la personalment u lanqas permezz ta’ l-impjegati tieghu, ma kienx jivverifika l-konsenji – haga li seta’ liberament ghamel kif, del resto, beda jaghmel sussegwentement. Ma giex kontradett ukoll dak li xehdu l-konvenut u t-tifel tieghu li fil-qwieleb kienet titqieghed kartuna mill-pizatur li fuqha kien ikun hemm imnizzel il-piz relattiv tal-qaleb u li l-qwieleb kienu jigu hekk ikkonsenjati; u li wara li huma jghabbu minghand l-MDP, l-ewwel konsenja kienet issir proprju lill-attur nomine. Jigifieri l-konvenut kien jikkonsenja l-piz li kien jinghata mill-MDP u l-kartuna f’kull qaleb kienet tirrendi l-process ta’ verifika aktar facli ghall-attur nomine. Inoltre l-fatt li fil-verifiki li beda jaghmel sussegwentement l-attur nomine beda jsib diskrepanzi mill-anqas darba fil-gimgha minghajr ma indika il-kwantum ta’ dawn id-diskrepanzi, salv ghal kaz wiehed ta’ zball ta’ Lm2 fl-addizzjoni ta’ kont (!), certament ma jiggustifikax il-pretensjoni tieghu ghall-allegat nuqqas li jilmenta dwaru.

Ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-attur nomine rnexxielu jipprova li fil-perijodu in kwistjoni kien hemm in-nuqqas minnu lmentat,

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet li jithallsu mill-konvenut u l-ispejjez l-ohra mill-attur nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**